MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 364/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Dalli**
**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Dalli u Anthony Caruana talli fil-Gudja fis-7 ta' Ottubru 2002 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. bhala s-Segretarju u l-President rispettivament tal-kazin tal-banda La Stella, Gudja, harqu jew ippermettew li jinharaq nar (musketterija u stoppini) minn fuq il-bejt tal-kazin taghhom minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru 2007, li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Carmelo Dalli u Anthony Caruana hatja skond l-imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 24 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatom ghal mitt lira Maltin (Lm100) multa kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmijin Carmelo Dalli u Anthony Caruana pprezentat fit-22 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberahom in kwantu sabithom hatja u kkundannathom ghal multa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett u zbaljat tal-provi u applikazzjoni skorretta tal-ligi; (2) Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena nflitta hi eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti jghidu li l-ewwel Qorti estendiet b’akrobazija legali l-principju tar-responsabbilta` vikarja sa grad li jirrazenta l-impossibbli. Kif qatt jista’ jkun, jistaqsu l-appellanti, li l-ligi trid li kull nar li jinharaq, anke illegalment, minn kull post fi kwalsiasi parti tar-rahal, ikun responsabbilta` ta’ l-ufficjali tal-Kumitat? Jghidu li l-ewwel Qorti skartat il-principju *nemo ad impossibilia tenetur* ghax hadd mill-appellanti ma kien jaf li kien hemm nar qed jinharaq minn fuq il-bejt tal-kazin. L-appellant Dalli jghid li hu kien id-dar filwaqt li l-appellant Caruana ma kienx la fil-kazin u l-anqas fil-pjazza. Huma xehdu li ma kellhomx ghalfejn ikunu fil-kazin ghax dan kien l-ghada tal-festa filghaxija. Ghalhekk, isostnu l-appellanti, jekk wiehed jara l-artikolu 24(4) tal-Kap. 33 isib li la hadd minnhom ma seta’ jwaqqaf milli jsir dak ir-reat peress illi ma kinux jafu x’qed jigri ghax ma kinux hemm, qatt ma setghet l-ewwel Qorti ssib htija taht l-imsemmi artikolu. Barra minn hekk,

jghidu l-appellanti, hadd mill-Pulizija ma qal li ra lil xi wiehed mill-appellanti fil-kazin jew fil-vicinanzi tieghu u hadd minnhom ma ha l-briga li, kif ra l-musketterija tinharaq, jidhol jara min kien responsabbli.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, mill-provi mismugha mill-ewwel Qorti jirrizulta illi fis-7 ta' Ottubru 2002 (l-ghada tal-festa tal-Madonna tar-Ruzarju li giet iccelebrata fil-Gudja), tard bil-lejl inharaq nar minn fuq il-bejt tal-kazin La Stella li tieghu l-appellanti huma Segretarju u President rispettivament. L-Ispettur Joseph Agius xehed li dan kien meta kienu dehlin tax-xalata u nharqu musketterija u *Roman candles* minghajr permess. P.C. 780 ikkonferma li sar l-hruq tan-nar dak il-hin. Iz-zewg appellanti xehdu izda dwar dak li gara fis-7 ta' Ottubru 2002 ma gew mistoqsija xejn u ma qalu xejn. L-appellanti jirreferu ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta kienet qed tghaddi in rassenja x-xiehda kollha li semghet dwar tliet imputazzjonijiet separati li kienu qeghdin jinstemghu kontestwalment, u rreferiet ghax-xiehda ta' Carmelo Dalli: *"L-imputat Dalli xehed illi assolutament ma kienx jaf li kien ser jinharaq xoghol tan-nar in vjolazzjoni tal-permess ghax altrimenti certament li kien se jwaqqafhom"*. Minn ezami tax-xiehda ta' Carmelo Dalli jirrizulta li dan kien fil-kuntest ta' mistoqsijiet li kienu qeghdin isirulu dwar il-loghob tan-nar fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2002 (cioe` lejlet il-festa). Barra minn hekk, ghalkemm fir-rikors ta' appell l-appellanti jghidu li Dalli kien id-dar u Caruana ma kienx la l-pjazza u l-anqas il-kazin, mix-xiehda taghhom jirrizulta li anke hawn il-kuntest ma kienx is-7 ta' Ottubru 2002 izda l-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2002. Dan ifisser illi x-xiehda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni mhijiex kontradetta u galadarba l-appellanti ma ppruvaw jaghtu ebda spjegazzjoni ghan-nuqqas tas-7 ta' Ottubru 2002, anzi fix-xiehda tieghu l-appellant Dalli jghid li bhala Segretarju hu ffirma l-applikazzjoni tan-nar u l-appellant Caruana jghid li jaf li saret applikazzjoni mis-Segretarju, ir-responsabbilta` taghhom ghall-akkadut ghandha titqies ikkonfermata. Difatti l-artikolu 24(4) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: **"Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u l-hati ma jkunx maghruf, il-kerrej jew**

**id-detentur tal-fond li fih ikun sar ir-reat, jew jekk fil-fond ma jkunux joqoghdu nies, dak li jkollu l-hsieb jew l-inkargu tieghu, huwa responsabbli tar-reat, kemm-il darba seta' ma jhallix isir dak ir-reat."** L-appellanti fil-kwalita` taghhom ta' Segretarju u President kellhom kull possibilita` li jaraw li ma jsehhx ir-reat in kwistjoni anke jekk stess ma kinux prezenti billi jaghtu direttivi minn qabel biex ma jsirx hruq tan-nar minn fuq il-bejt tal-kazin taghhom. M'hemm l-ebda prova li huma hadu xi prekawzjonijiet biex dan ma jsehhx.[1] Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement sabithom hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Huma jghidu li l-piena ta' multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) li titnizzel fuq il-kondotta ta' persuni integri hi wisq. Skond l-appellanti, tenut kont tal-fatt li matul l-ahhar snin il-klima festiva fil-Gudja hija wahda normali u civili u tenut kont tal-fatt li l-kaz dam itul numru ta' snin, jemmnu li kien jisthoqqilhom piena ferm aktar miti.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Fil-kaz in kwistjoni, il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux izjed minn €465.87, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien. Dan ifisser li l-piena inflitta hi decizivament entro l-parametri tal-ligi.

Li l-klima festiva fil-Gudja llum hi wahda normali u civili hi haga ferm pozittiva izda fl-ebda waqt ma ntqal jekk dan hux in parti mertu ta' l-appellanti. Dwar it-tul li hadet il-kawza, huwa minnu li jidher li l-kaz twal wisq sabiex jigi

---

[1] Ara wkoll l-artikolu 13 ta' l-Att Dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta).

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

konkluz. Sfortunatament mill-atti ma jirrizultax ghaliex kien hemm dan id-dewmien. Difatti kemm f'dan il-process kif ukoll fil-processi l-ohra li kienu qeghdin jinstemghu kontestwalment hemm karenza kbira ta' verbali. Hekk, filwaqt illi l-ahhar xhieda tal-prosekuzzjoni nstemghu fis-7 ta' Ottubru 2003, l-appellanti xehdu fit-12 ta' April 2005 meta l-kawzi gew trattati u s-sentenzi nghataw fl-10 ta' Ottubru 2007. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina x'wassal ghal dan id-dewmien. Dwar il-preokkupazzjoni ta' l-appellanti ghall-fatt li l-kundanna titnizzel fil-kondotta taghhom, din il-Qorti tirreferihom ghall-artikolu sitta (6) u t-Tieni Skeda ta' l-Ordinanza Dwar ic-Certifikati tal-Kondotta (Kap. 77 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant l-appell ma jimmeritax lo jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonfema s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------